MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 860/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anne Marie Xuereb]**

**vs**

**Marco Rossi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marco Rossi detentur tal-karta tal-identita` numru 505771(M).

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta' Jannar 2012 u Frar 2013, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat meta l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad-dannu tal-kumpanija Melita Mobile Ltd u/jew Melita plc.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u stante illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u qed ihallas perjodikament lis-socjeta` Melita plc, qed issib lill-imputat Marco Rossi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin (3) mil-llum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------